Nagħti l-kunsens tiegħi.

**(L.S.)** GEORGE ABELA
President

22 ta' Ġunju, 2012

## ATT Nru. VII tal-2012

*ATT biex jemenda l-Att dwar l-Unjoni Ewropea, Kap. 460.*

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

Kap. 460.

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2012 li jemenda l-Att dwar l-Unjoni Ewropea, u dan l-Att għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar dwar l-Unjoni Ewropea, hawn iżjed 'il quddiem f'dan l-Att imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

**2.** Is-subartikolu (2) tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-kliem "Meta l-Prim Ministru b'ordni jiddikjara li trattat speċifikat fl-ordni, li jkun trattat li tkun daħlet għalih Malta wara s-16 ta' April, 2003 għandu jitqies bħala ħaġa waħda mat-Trattat kif hawn iżjed qabel imfisser, l-ordni għandu jkun konklużiv u hekk għandu jitqies."

għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem:

"Meta l-Prim Ministru b'ordni jiddikjara li trattat speċifikat fl-ordni, li jkun trattat li tkun daħlet għalih Malta wara s-16 ta' April, 2003, jew Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew speċifikata fl-ordni li tkun deċiżjoni li temenda t-Trattat, għandhom jitqiesu bħala ħaġa waħda mat-Trattat kif hawn iżjed qabel imfisser, l-ordni għandu jkun konklużiv u hekk għandu jitqies:"u

(b) fit-tieni proviso tiegħu l-kliem

"u d-diskussjoni dwarha f'dak il-Kumitat mill-President tiegħu u l-Kamra għandha mal-preżentazzjoni ta' dak ir-Rapport tipproċedi minnufih biex tivvota fuq il-mozzjoni mingħajr dibattitu."

għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem:

"u d-diskussjoni dwarha f'dak il-Kumitat mill-President tiegħu. Wara l-preżentazzjoni ta' dak ir-Rapport il-Kamra għandha tipproċedi għal dibattitu u votazzjoni dwar dik il-mozzjoni.".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 492 tal-20 ta' Ġunju, 2012.

MICHAEL FRENDO
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

I assent.

**(L.S.)** GEORGE ABELA
President

22nd June, 2012

**ACT No. VII of 2012**

*AN ACT to amend the European Union Act, Cap. 460.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same as follows:-

**1.** The short title of this Act is the European Union (Amendment) Act, 2012 and this Act shall be read and construed as one with the European Union Act, hereinafter referred to as "the principal Act". Short title. Cap. 460.

**2.** Sub-article (2) of article 2 of the principal Act shall be amended as follows: Amendment of article 2 of the principal Act.

(a) the words "If the Prime Minister by order declares that a treaty specified in the order being a treaty entered into by Malta after the 16th April, 2003 is to be regarded as one with the Treaty as herein defined, the order shall be conclusive that it is to be so regarded:"

VERŻJONI ELETTRONIKA



there shall be substituted the words:

"If the Prime Minister by order declares that a treaty specified in the order being a treaty entered into by Malta after the 16th April, 2003, or that a Decision of the European Council specified in the order, being a decision that amends the Treaty, is to be regarded as one with the Treaty as herein defined, the order shall be conclusive that it is to be so regarded:"; and

(b) in the second proviso the words:

"and the debate thereon in the Committee by the Chairman and the House shall upon the presentation of the Report of the Standing Committee proceed immediately to vote on the motion without debate."

shall be substituted by the words:

"and the debate thereon in the Committee by the Chairman. Following the presentation of such report the House shall proceed to debate and vote on such motion.".

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 492 of the 20th June, 2012.

MICHAEL FRENDO
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk to the House of Representatives*